**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2016**

Kawza Numru: 151/2016JB

Numru: 18

**Charles Grech & Co. Ltd. (C 2473)**

***vs***

**Giuseppi's Group Limited (C 54459) u Kenneth Vella (K.I.: 404877M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-27 ta' April 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u disghin euro u sitta u sebghin centezmu (€1,695.76) rapprezentanti prezz ta' xorb u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjati. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-13 ta' Gunju 2016 (a fol 5);

Ra li ghad li debitament notifikati bl-atti, il-Konvenuti naqsu milli jipprezentaw risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment fil-waqt li lanqas ma dehru ghas-smigh;

Ra n-nota prezentata nhar id-19 ta' Settembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici cediet is-sorte stante hlas waqt li zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-Socjeta Attrici fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016 (a fol 26) u qies li l-Konvenuti naqsu milli jidhru sabiex jirrispondu ghalih u li n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenuti – ghad li debitament notifikat – naqsu milli jipprezenta risposta kif ukoll naqsu milli jidhru ghas-smigh. Mill-banda ‘l ohra, is-Socjeta Attrici waqt li cediet is-sorte, irnexxielha tipprova t-talba limitatament ghall-kap tal-ispejjez bil-procedura tas-subizzjoni. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tas-sorte stante li cedut, u fic-cirkostanzi jilqa’ t-Talba attrici limitatament ghall-kap tal-ispejjez u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha tal-proceduri.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*